MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tat-3 ta' Frar, 2005

Numru 938/2004

**Il-Pulizija**
**(Spt. Daniel Zammit)**
**vs**
**Anglu Bartolo**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Anglu Bartolo** ta’ 51 sena, bin Anthony u Filippa *nee’* Abela, mwieled Zebbug Malta nhar l-20 ta’ Jannar, 1953, residenti f’ ‘Casabella’, Qolla Street, Zebbug u detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 140453 (M);

Talli fil-15 t’Ottubru, 2004 u fil-jiem u gimghat ta’ qabel gewwa tas-Sliema u f’partijiet ohra f’dawn il-gzejjer impjegajt jew tajt xoghol lill-persuni li ma kienux persuni ezenti u li ma kellhomx licenzja mmoghtija lilhom ghal dak

l-impjieg jew xoghol skond id-dispozizzjonijiet tal-Kap 217 tal-Ligijiet ta' Malta;

U aktar talli bhala persuna reponsabbli ta' xoghol li kien qed issir gewwa tas-Sliema u nhawi ohra f'Malta impjegajt persuni li ma kienux cittadini ta' Malta meta dawn il-persuni ma kellhomx permess validu w ufficjali;

U aktar talli fl-istess cirkostanzi bhala principal, jew il-persuna li timpjega persuni ohra 'full time', 'part time' jew xort'ohra b'kuntratt definit, indefinit jew bi prova, nqast li tinnotifika lill-Korporazzjoni tax-Xoghol u Tahrig b'dan l-impjieg kif hemm fl-avviz legali 110 tas-sena 1993 (3A sa 10);

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali tat-28 t'Ottubru, 2005, u n-nuqqas t'oggezzjoni tal-imputat sabiex dan il-kaz ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati tal-akkuzi kif dedotti kontra tieghu.

Rat l-artikoli 3(a) u 10 AL110/1993, 50 Kap 343, u 11 u 32 Kap 219;

Tikkundannah ghall-hlas ta' multa ta' Lm500.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------